

32003D0239

5.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 89/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Frar 2003

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'isem l-Isle of Man u l-Komunità Ewropea li jestendi lill-Isle of Man il-protezzjoni legali ta' databases kif previst fil-Kapitolu III tad-Direttiva 96/9/KE

(2003/239/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' *databases* ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-dritt previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/9/KE japplika lid-*databases* li min ikkrea hom jew għandu dritt fuqhom jikkwalifika għal protezzjoni taħt l-Artikolu 11(1) u (2) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-leġislazzjoni ta' l-*Isle of Man* dwar il-protezzjoni ta' *databases* hija konformi mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 96/9/KE u toffri protezzjoni bħal dik prevista fil-Kapitolu III tagħha. L-*Isle of Man* trid testendi l-applikazzjoni ta' dik il-leġislazzjoni liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, persuni naturali li għandhom ir-residenza abitwali fit-territorju ta' Stat Membru u kumpaniji u ditti ffurmati skond l-liġi ta' wieħed mill-Istati Membri u għandhom l-uffiċċju reġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tal-kummerċ għewwa Stat Membru.
- (3) Il-leġislazzjoni ta' l-*Isle of Man* għalhekk tikkwalifika għal tiġdid tal-protezzjoni prevista fil-Kapitolu III tad-Direttiva 96/9/KE. It-terminu ta' żmien ta' kull protezzjoni hekk mġedda m'għandhiex madankollu teċċedi dak disponibbli skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 96/9/KE.

- (4) Il-Ftehim taħt il-forma ta' Skambju ta' Ittri li jestendi lill-*Isle of Man* il-protezzjoni prevista fil-Kapitolu III tad-Direttiva 96/9/KE għandu jiġi approvat kif xieraq,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim taħt il-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'isem l-*Isle of Man* u l-Komunità Ewropea li jestendi lill-*Isle of Man* il-protezzjoni legali kif prevista fil-Kapitolu III tad-Direttiva 96/9/KE huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim taħt il-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa ppreżentat fl-Anness.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina persuna mogħtiha l-poter biex tiffirma l-ittra lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex tesprimi l-kunsens tal-Komunità li tintrabat.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Frar 2003.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

N. CHRISTODOULAKIS

⁽¹⁾ ĠU L 77, 27.03.96, p. 20.

⁽²⁾ ĠU C 331 E, tal-31.12.2002, p. 313.